MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 413/2009

**Andre Magro (I.D. Card Nru. 296573M), Carmel Magro (I.D. Card Nru. 190948M), Mario Magro (I.D. Card Nru. 341052M), John Magro (I.D. Card Nru. 78354M)u Paul Magro (I.D. Card Nru. 163258M) ikoll ezercenti n-negozju Firm Michael Magro**

**Vs**

**Charles Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi jitolbu li l-konvenut jigi ikkundannat ihallashom is-somma ta' hames mija sebgha u tletin Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€537.27) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' merkanzija mibjugha u konsenjata minnhom lill-konvenut. Bl-izpejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja

datata 8 ta’ Ottubru 2007 u ta’ l-ittra ufficjali ai tenur ta’ l-Artikolu 166A bin-Numru 4276/08 u bl-imghax legali dekoribbli mit-8 ta’ Ottubru 2007, id-data ta’ l-ittra interpellatorja, sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz tat-Talba u bl-avviz tas-smigh tas-seduta, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta’ l-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija sebgha u tletin Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€537.27), bl-imghax dekoribbli mit-8 ta’ Ottubru 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-Numru 4276/08, huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------